IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Opinjoni Nru 2/2018

(skont l-Artikolu 287(4), TFUE)

"Il-kunsiderazzjonijiet tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont fir-rigward tal-proposta tas-6 ta' Diċembru 2017 għall-ħolqien ta' Fond Monetarju Ewropew fi ħdan il-qafas legali tal-Unjoni"

12, rue Alcide De Gasperi - L - 1615 Luxembourg
**T** (+352) 4398 – 1 **E** eca-info@eca.europa.eu **eca.europa.eu**

WERREJ

Paragrafu

Glossarju u abbrevjazzjonijiet

Introduzzjoni 1 - 7

Kummenti ġenerali 8 - 10

Parti I - Il-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà - sfidi ewlenin għall-qafas tal-awditjar u tal-obbligu ta’ rendikont 11 - 29

Il-QEA ma għandhiex id-drittijiet tal-awditjar fir-rigward tal-MES, iżda tista’ tassumihom fuq talba 12 - 16

Il-mandati tal-membri tal-Bord tal-Awdituri huma qosra 17 - 18

Il-BoA jirrapporta b’mod limitat ħafna dwar is-sejbiet tal-awditjar tiegħu 19 - 25

Awditjar u evalwazzjoni limitati tal-prestazzjoni tal-MES 26 - 29

Parti II - Il-Fond Monetarju Ewropew propost - sfidi ewlenin għall-qafas tal-awditjar u tal-obbligu ta’ rendikont 30 - 43

Bidliet proposti għall-qafas tal-awditjar tal-MES 31

Il-pożizzjoni tal-QEA bħala l-awditur estern tal-FME mhijiex espliċita 32 - 38

Is-sorveljanza parlamentari mhijiex maħsuba biex tkun ibbażata fuq opinjoni tal-awditjar 39 - 43

Anness I – Talba għal opinjoni mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew

Anness II – Risposta tal-MES

Anness III – Risposta tal-Bord tal-Awdituri tal-MES

## GLOSSARJU U ABBREVJAZZJONIJIET

**Istituzzjoni suprema tal-awditjar (SAI)** hija awtorità nazzjonali responsabbli għall-awditjar tad-dħul u l-infiq tal-gvern. L-OECD tiddefinixxi SAI bħala awtorità responsabbli biex tissorvelja u żżomm il-gvern responsabbli għall-użu li jagħmel mir-riżorsi pubbliċi, flimkien mal-leġiżlatura u ma' korpi oħra ta' sorveljanza. Is-SAIs għandhom mudelli u arranġamenti istituzzjonali differenti rigward il-leġiżlatura, l-eżekuttiv u l-ġudikatura. Fejn ikun hemm aktar minn korp wieħed li jaqdi r-rwol tal-awditjar estern tas-settur pubbliku, is-SAI normalment tingħaraf bħala dik li tippreżenta l-garanziji kostituzzjonali l-aktar sodi f'dak li jirrigwarda l-indipendenza.

**L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs)** huma grupp ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jinkludu l-Bank Dinji, il-banek għall-iżvilupp reġjonali, u l-Fond Monetarju Internazzjonali. Huma responsabbli biex jaraw li l-kapital pubbliku jintuża fl-aħjar interessi taċ-ċittadini tagħhom u huma l-akbar sors ta' finanzjament għall-iżvilupp fid-dinja.

**L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI)** hija l-organizzazzjoni professjonali dinjija għall-komunità tal-awditjar estern tal-gvernijiet. L-INTOSAI tipprovdi qafas istituzzjonalizzat biex l-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar jippromwovu l-iżvilupp u t-trasferiment ta' għarfien, itejbu l-awditjar tal-gvernijiet fid-dinja kollha u jsaħħu l-kapaċitajiet professjonali, il-pożizzjoni u l-influwenza tal-membri fil-pajjiżi rispettivi tagħhom.

**Standards tal-awditjar li huma aċċettati internazzjonalment** jiġu stabbiliti minn diversi korpi pubbliċi u professjonali li jissettjaw l-istandards, bħall-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (ISAs) maħruġa mill-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Aċċertament (IAASB), jew l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (ISSAIs) maħruġa mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI).

**IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 287(4) tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (TKEEA), u b'mod partikolari l-Artikolu 106(a) tiegħu;

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;

Wara li kkunsidrat il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ Fond Monetarju Ewropew (il-proposta tal-Kummissjoni)[1];

Wara li kkunsidrat it-talba li saret fid-19 ta’ Ġunju 2018 mill-President tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew għal opinjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni, li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (“QEA”) irċeviet fit-23 ta’ Ġunju 2018 (ara l-***Anness I***);

Billi:

(a) id-diskussjonijiet politiċi dwar il-futur tal-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà (MES) għadhom għaddejjin, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni li tista’ tittieħed dwar jekk il-MES għandux jinżamm fuq bażi intergovernattiva għall-futur qarib jew jekk għandux jiġi stabbilit Fond Monetarju Ewropew (FME) bħala korp tal-UE, l-oqfsa tal-awditjar u tal-obbligu ta’ rendikont għaż-żewġ sitwazzjonijiet huma kunsiderazzjoni importanti li trid titqies mill-bidu nett ta’ kwalunkwe proċess ta’ riforma;

(b) it-TFUE ma jsemmix l-użu tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jingħata appoġġ lil entitajiet stabbiliti barra mill-qafas legali tal-UE, bħall-MES. Madankollu, l-użu tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jingħata appoġġ lil korpi terzi f’ċerti sitwazzjonijiet ġie stabbilit fid-dritt tal-UE meta l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet li “fl-oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom id-dritt jassenjaw

[1] Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ Fond Monetarju Ewropew, COM(2017) 827 final.

funzjonijiet lill-istituzzjonijiet [...] sa fejn dawn il-funzjonijiet ma jiżnaturawx l-attribuzzjonijiet li t-Trattati UE u FUE jikkonferixxu fuq dawn l-istituzzjonijiet"[2].

(c) skont l-Artikolu 287 TFUE, il-QEA hija l-awditur tal-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji kollha tal-UE sakemm ma tkunx prekluża mill-att kostitutiv rilevanti li jistabbilixxihom;

(d) il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi l-istabbiliment tal-FME bħala korp tal-UE[3], u tagħmel li l-FME jwieġeb lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill[4] u jkun suġġett għall-kontroll ġudizzjarju tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Premessa (64) tal-proposta ma tipprekludix lill-QEA milli teżerċita s-setgħat tal-awditjar tagħha. Għalkemm il-proposta tal-Kummissjoni tirrikonoxxi s-setgħat tal-awditjar tal-QEA skont l-Artikolu 287 (1) tat-TFUE, hija żżomm l-istruttura attwali ta' Bord tal-Awdituri (BoA);

(e) il-Kummissjoni, f'dak li jirrigwarda l-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, tiffavorixxi soluzzjonijiet "skont it-Trattati, sabiex tkun evitata l-frammentazzjoni tal-qafas legali li ddgħajjef l-Unjoni u tpoġġi f'dubju l-importanza kruċjali tal-liġi tal-UE għad-dinamika tal-integrazzjoni"[5]. Hija żżid li "soluzzjonijiet intergovernattivi għandhom għaldaqstant ikunu ikkunsidrati biss fuq bażi eċċezzjonali u ta' tranżizzjoni" u "għandhom ukoll ikunu ppjanati bir-reqqa sabiex jirrispettaw il-liġi u l-governanza tal-UE, u mhux iqajmu problemi ġodda meta jiġi biex jingħata rendikont"[6]. Konsistenti ma' din il-loġika, il-QEA, fl-Analiżi Panoramika tagħha dwar il-lakuni fl-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar[7] u fid-dokument informattiv u analitiku reċenti tagħha dwar il-qafas

---

[2] Il-Kawża C-370/12 *Thomas Pringle vs il-Gvern tal-Irlanda u Oħrajn*, Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-27 ta' Novembru 2012, il-paragrafu 158.

[3] Il-proposta tal-Kummissjoni, il-Premessa 17.

[4] Il-proposta tal-Kummissjoni, l-Artikolu 5.

[5] Pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina: It-tnedija ta' Dibattitu Ewropew (Komunikazzjoni), COM(2012) 177 final, p. 13.

[6] *ibid.*

[7] Analiżi Panoramika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "Lakuni, duplikazzjonijiet u sfidi: analiżi panoramika tal-arranġamenti tal-UE fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar pubbliku", il-paragrafu 84.

finanzjarju pluriennali[8], insistiet li jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jevitaw kemm jista' jkun li joħolqu kombinament ta' diversi arranġamenti tal-awditjar;

(f) la l-MES u lanqas l-FME propost ma huma ffinanzjati direttament mill-baġit tal-UE. Sakemm jibqgħu kapitalizzati direttament mill-Istati Membri, huma ma jkunux koperti mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju[9] f'dak li jirrigwarda l-obbligu ta' rendikont, l-awditjar u r-rappurtar finanzjarju u jkun meħtieġ li kunsiderazzjonijiet bħal dawn ikunu integrati fl-att kostitutiv tal-korp innifsu;

(g) jenħtieġ li l-mandati tal-awditjar ikunu jinkludu d-dimensjonijiet kollha tal-awditjar pubbliku: l-awditjar finanzjarju, tal-konformità u tal-prestazzjoni. Jenħtieġ li huma jipprovdu wkoll s-salvagwardji kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li dawn id-drittijiet tal-awditjar ikunu jistgħu jiġu eżerċitati fuq il-partijiet kontraenti kollha li jkunu involuti fl-użu tal-finanzi pubbliċi, biex b'hekk l-awdituri jkunu jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv;

(h) jenħtieġ li l-awdituri esterni kollha li jiġu maħtura biex iwettqu awditi tal-fondi pubbliċi jkunu jikkonformaw mal-istandards tal-awditjar li huma aċċettati internazzjonalment;

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

---

8 Dokument Informattiv u Analitiku tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, "The Commission's proposal for the 2021-2027 Multiannual Financial Framework" (Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027), il-paragrafu 34.

9 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**INTRODUZZJONI**

1. Il-MES ġie stabbilit fl-2012. Il-missjoni tiegħu hija li jipprovdi assistenza finanzjarja lil pajjiżi taż-żona tal-euro li jkunu qed jesperjenzaw jew li jkunu mhedda minn problemi serji ta' finanzjament. Din l-assistenza tingħata biss jekk jintwera li tkun meħtieġa għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro fl-intier tagħha u tal-Membri fil-MES[10]. Il-MES ġie stabbilit bħala organizzazzjoni intergovernattiva permezz ta' trattat bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro.

2. Id-dħul u l-infiq tal-MES ma jiffurmawx parti mill-baġit tal-UE, u l-kontribuzzjonijiet għall-kapital tiegħu jiġu mill-istati membri tiegħu. Is-setgħat deċiżjonali jingħataw lill-Bord tad-Diretturi u l-Bord tal-Gvernaturi. Il-Bord tad-Diretturi huwa magħmul minn uffiċjali ta' livell għoli mill-ministeri tal-finanzi, u l-Bord tal-Gvernaturi huwa magħmul mill-ministri tal-finanzi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Il-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew għandhom status ta' osservaturi kemm fuq il-Bord tal-Gvernaturi kif ukoll fuq il-Bord tad-Diretturi, iżda ma għandhomx drittijiet tal-vot. Il-MES huwa bbażat fil-Lussembrugu u fi tmiem l-2017 kien jimpjega 174 membru tal-persunal. Huwa żborża EUR 275 biljun f'self lil ħames pajjiżi membri u għandu kapaċità ta' self mhux użata ta' EUR 380 biljun[11].

3. Il-Parlament ilu jitlob għall-integrazzjoni tal-MES fil-qafas legali tal-UE mill-2013[12]. Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti ta' Ġunju 2015 iddikjara li "l-governanza tiegħu għandha għaldaqstant tkun kompletament integrata fit-Trattati tal-UE"[13].

---

10 It-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (2012), l-Artikolu 3.

11 Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, ir-Rapport Annwali 2017 (2018), p. 15.

12 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar *it-tisħiħ tad-demokrazija Ewropea fl-UEM futura*, il-paragrafu 11.

13 Jean-Claude Juncker f'kooperazzjoni mill-qrib ma' Donald Tusk, Jeroen Dijsselbloem, Mario Draghi u Martin Schulz, *Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti: Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Montetarja tal-Ewropa* (il-Kummissjoni, 2015), p. 18.

4. F'Diċembru 2017, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni intitolata "Aktar passi lejn it-tlestija tal-unjoni ekonomika u monetarja tal-Ewropa: pjan direzzjonali"[14]. Bħala parti minn dan il-pakkett, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament tal-Kunsill biex il-MES jiġi sostitwit minn FME[15] (il-"proposta tal-Kummissjoni"), li mbagħad isir parti mill-qafas legali tal-UE.

5. Fid-19 ta' Ġunju 2018, il-President tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) tal-Parlament Ewropew talab lill-QEA biex tipprovdi opinjoni lill-Parlament Ewropew dwar l-aħjar mod kif għandu jiġi ffurmat il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-FME futur, speċifikament fil-kuntest ta' kwalunkwe lakuna futura fl-obbligu ta' rendikont u biex jiġu żgurati arranġamenti tal-awditjar adegwati (ara l-***Anness I***).

6. Impetu ieħor ġej mill-Gwida għall-Governanza Tajba tal-INTOSAI, li tiddikjara li fejn l-ambitu jew l-istruttura tal-istituzzjoni internazzjonali jinbidlu fundamentalment, jenħtieġ li l-arranġamenti tal-awditjar estern jitqiesu bir-reqqa u jiġu aġġornati jekk ikun meħtieġ[16].

7. L-Analiżi Panoramika dwar l-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar li l-QEA ppubblikat fl-2014, iddeskriviet ċerti kriterji li jistgħu jintużaw fil-valutazzjoni tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar pubbliku[17]. Dawn jinkludu ċarezza tal-informazzjoni meħtieġa għall-iskopijiet tal-obbligu ta' rendikont, u rwol għas-sorveljanza parlamentari, appoġġata minn opinjoni tal-awditjar estern.

---

[14] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aktar Passi Lejn it-Tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa: Pjan Direzzjonali", COM(2017) 821 final.

[15] Il-proposta tal-Kummissjoni.

[16] INTOSAI, Guidance for Good Governance "GOV 9300 Principles for External Audit Arrangements for International Institutions" (Gwida għall-Governanza Tajba "GOV 9300 Prinċipji għall-Arranġamenti tal-Awditjar Estern għal Istituzzjonijiet Internazzjonali") (2016), il-Prinċipju Nru 1.3.

[17] Analiżi Panoramika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Lakuni, duplikazzjonijiet u sfidi: analiżi panoramika tal-arranġamenti tal-UE fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar pubbliku", it-Tabella 1, p. 13.

**KUMMENTI ĠENERALI**

8. F'konformità mal-fehma tal-QEA kif stipulata fid-dokument informattiv u analitiku[18] dwar il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, li ġie ppubblikat f'Lulju 2018, aħna nilqgħu l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni li l-MES jiġi integrat fi ħdan il-qafas legali tal-UE. Jenħtieġ li l-politika tal-UE titwettaq fi ħdan qafas robust ta' obbligu ta' rendikont bi rwol għal sorveljanza parlamentari fuq il-bażi ta' opinjoni tal-awditjar estern. Jenħtieġ li oqfsa bħal dan ikunu globalment konsistenti fl-oqsma kollha ta' politika tal-UE u jenħtieġ li jiġu evitati lakuni jew duplikazzjonijiet. Il-proposta tal-Kummissjoni hija pass fid-direzzjoni t-tajba f'dan ir-rigward, għalkemm teżisti ċerta ambigwità dwar ir-rwoli u l-mandati tal-awdituri differenti involuti, u ċerti nuqqasijiet fil-katina tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar jeħtieġ li jiġu indirizzati.

9. Din l-opinjoni tippreżenta l-kunsiderazzjonijiet tal-QEA fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont u l-arranġamenti tal-awditjar relatati fil-kuntest tal-proposta għall-ħolqien tal-FME bħala korp tal-UE. L-ewwel nett, aħna neżaminaw l-arranġamenti attwali tal-MES peress li l-proposta tal-Kummissjoni tfittex li żżomm il-parti l-kbira tal-qafas attwali tal-MES għall-awditjar u għall-obbligu ta' rendikont. Aħna mbagħad neżaminaw l-arranġamenti tal-FME għall-awditjar u għall-obbligu ta' rendikont kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni u nagħmlu rakkomandazzjonijiet dwar il-bidliet meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati. Ir-risposti tal-MES u tal-Bord tal-Awdituri tal-MES huma inklużi, rispettivament, fl-***Anness II*** u l-***Anness III***.

10. Minn meta l-Kummissjoni ppubblikat il-proposta tagħha, il-mexxejja tal-UE pprovdew direzzjoni politika biex ir-riforma tal-MES tipproċedi f'żewġ stadji[19]. Fl-ewwel stadju, sa tmiem din is-sena, se jitħejjew il-karatteristiċi ewlenin ta' MES rinfurzat, inklużi l-miżuri ulterjuri li jistgħu jittieħdu għar-rinforz tar-rwol u tal-governanza tiegħu, sabiex jiġu

[18] Dokument Informattiv u Analitiku tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021–2027, il-Paragrafu 34, l-aħħar inċiż.

[19] *Dikjarazzjoni tas-Summit taż-Żona tal-Euro* (id-29 ta' Ġunju 2018) EURO 502/18. Ittra mill-President tal-Grupp tal-Euro, Mário Centeno, lill-President tal-Kunsill Ewropew, Donald Tusk (il-25 ta' Ġunju 2018).

indirizzati ċerti aspetti tal-proposti msemmija fil-proposta tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2017, filwaqt li tibqa' tinżamm in-natura intergovernattiva tal-MES. Fit-tieni stadju, fuq medda ta' żmien itwal, il-pajjiżi membri fil-MES u l-UE jistgħu jqisu li jintegraw il-MES fil-qafas legali tal-UE.

## PARTI I - IL-MEKKANIŻMU EWROPEW TA' STABBILTÀ - SFIDI EWLENIN GĦALL-QAFAS TAL-AWDITJAR U TAL-OBBLIGU TA' RENDIKONT

11. Din it-taqsima teżamina l-arranġamenti attwali tal-MES għall-awditjar u għall-obbligu ta' rendikont. Il-MES huwa istituzzjoni finanzjarja internazzjonali (IFI). Minħabba dan, l-arranġamenti tal-awditjar ta' IFIs oħra, kif ukoll il-linji gwida rilevanti dwar l-aħjar prattika, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI), huma rilevanti.

### Il-QEA ma għandhiex id-drittijiet tal-awditjar fir-rigward tal-MES, iżda tista' tassumihom fuq talba

12. Attwalment il-MES għandu Bord tal-Awdituri (BoA) magħmul minn ħames persuni[20]. Żewġ membri jinħatru fuq nominazzjoni tas-SAIs, żewġ membri oħra jinħatru fuq proposta tal-President tal-Bord tal-Gvernaturi u membru wieħed jinħatar fuq nominazzjoni tal-QEA (dan jista' jibqa' jżomm il-pożizzjoni tiegħu fil-BoA anki wara li l-mandat tiegħu bħala Membru tal-QEA jintemm). Il-membri kollha tal-BoA tal-MES huma obbligati jevitaw kunflitti ta' interess, jaġixxu b'mod indipendenti, u la jfittxu u lanqas ma jieħdu struzzjonijiet minn korpi oħra.

13. Il-mandat tal-BoA huwa li "jfassal verifiki indipendenti [...] jispezzjona l-kontijiet tal-MES u jivverifika li l-kontijiet operattivi u l-karta tal-bilanċ ikunu korretti" u li jawditja r-regolarità, il-konformità, il-prestazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju tal-MES skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar[21]. Attwalment il-BoA jingħata appoġġ mill-membri tal-persunal tal-awditjar li

[20] Il-qafas għall-BoA tal-MES huwa stipulat fl-Artikolu 30 tat-Trattat li jistabbilixxi l-MES (it-Trattat) u fl-Artikolu 24 tad-Digrieti tal-MES. Il-membri tal-Bord tal-Awdituri jinħatru mill-Bord tal-Gvernaturi, fuq il-bażi tal-Artikolu 30(1) tat-Trattat u l-Artikolu 21(1) tad-Digrieti tal-MES.

[21] It-Trattat li jistabbilixxi l-MES (l-Artikolu 30(3)-(4)) u d-Digrieti tal-MES (l-Artikolu 24(4)).

huma attivi fid-diversi SAIs u mill-QEA, u li huma mdorrijin japplikaw l-istandards internazzjonali tal-awditjar rilevanti fix-xogħol tagħhom.

14. Il-maniġment tal-MES essenzjalment irid jagħti kont lill-Bord tal-Gvernaturi tiegħu. Attwalment il-MES mhuwiex uffiċjalment responsabbli la quddiem il-Parlament Ewropew u lanqas quddiem il-parlamenti nazzjonali, għalkemm id-direttur maniġerjali tiegħu, meta jkun mistieden, jidher quddiem il-Parlament Ewropew, kif ukoll quddiem il-parlamenti nazzjonali. Ġeneralment, il-BoA ma jipparteċipax f'dawn is-seduti, għalkemm xejn ma jipprekludi li huwa jidher, la quddiem il-Parlament Ewropew u lanqas quddiem parlament nazzjonali.

15. Attwalment il-QEA ma għandha l-ebda drittijiet tal-awditjar fir-rigward tal-MES. Anki jekk il-MES iżomm in-natura intergovernattiva tiegħu, hemm oqsma fejn il-QEA jkun jista' jkollha rwol fil-qafas tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont tiegħu. Il-ġurisprudenza turi li l-Istati Membri jistgħu jikkonferixxu kompiti lill-QEA barra mill-qafas tal-ordni legali tal-UE, suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-oqsma li fihom l-Istati Membri jikkonferixxu setgħat lill-QEA ma jkunux jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE[22],

(ii) dawn il-kompiti jkunu kompatibbli mat-TFUE u

(iii) ma jbiddlux in-natura essenzjali tas-setgħat ikkonferiti lill-QEA mit-TUE u mit-TFUE[23],

(iv) li fil-fehma tal-QEA, ikunu xierqa, mixtieqa u ta' min isegwihom.

16. Sabiex l-arranġamenti tal-obbligu ta' rendikont tal-MES jiġu allinjati ma' dawk ta' korpi oħra tal-UE, kif ukoll biex jikkontribwixxi għat-tħejjija tal-inkorporazzjoni eventwali tal-MES

---

[22] Fir-rigward tal-MES, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ddikjarat li l-attivitajiet tiegħu jaqgħu taħt il-politika ekonomika, li fiha l-Unjoni ma għandhiex kompetenza esklussiva (ara Pringle, il-paragrafu 160).

[23] Pereżempju, bidla bħal din isseħħ jekk il-kompiti kkonferiti mill-Istati Membri jxekklu l-indipendenza tal-QEA jew jekk il-QEA tingħata rwol li jkun kompletament differenti mir-rwol tagħha skont id-dritt tal-UE.

fil-qafas tal-UE, il-MES, bi ftehim mal-QEA, jista' jikkonferixxi mandat lill-QEA għal ċerti aspetti tal-awditjar estern tal-MES, bħax-xogħol tal-awditjar tal-prestazzjoni jew tal-konformità.

**Il-mandati tal-membri tal-Bord tal-Awdituri huma qosra**

17. Il-membri tal-BoA huma esterni u ma jintgħażlux mill-bord tad-diretturi tal-istituzzjoni nfisha. Dan huwa simili għall-arranġamenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali l-oħra, bħall-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Monetarju Internazzjonali. Bi tqabbil ma' dan, kemm il-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp kif ukoll il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp għandhom kumitat tal-awditjar kull wieħed, u l-membri tagħhom jinħatru mill-bord tad-diretturi tagħhom stess.

18. Il-mandat tal-membri tal-BoA huwa ta' tliet snin u ma jistax jiġġedded. Il-mandati tagħhom huma mqassma b'mod konsekuttiv, u b'hekk jiġu sostitwiti f'punti differenti. Mandat ta' tliet snin huwa relattivament qasir meta mqabbel ma' istituzzjonijiet pari, pereżempju, il-membri tal-Kumitat tal-Awditjar tal-BEI għandhom mandati ta' sitt snin li ma jistgħux jiġġeddu. Il-mandati tal-membri tal-BoA tal-MES jinsabu fil-limiti inferjuri ta' dak li huwa rakkomandat mill-Gwida rilevanti għall-Governanza Tajba tal-INTOSAI, li tiddikjara li idealment, il-ħatriet għandhom ikunu għal massimu ta' minn tlieta sa erba' snin, b'massimu ta' sitt snin[24]. Dan ifisser li l-mandati tal-membri tal-BoA jistgħu jikkoinċidu għal perjodi qosra biss u dan jagħmilha diffiċli li tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju u li jitwettaq xogħol li jista' jkun ta' natura pluriennali. Pereżempju, minħabba l-istruttura attwali, il-membri kollha li hemm bħalissa bdew il-mandati tagħhom fuq perjodu ta' 14-il xahar li beda f'Ottubru 2015, u dan ifisser li matul dan il-perjodu, il-bord preċedenti ġie sostitwit kompletament. Kull estensjoni tal-mandat standard għall-membri tal-BoA tkun teħtieġ emenda tal-Artikolu 24 (1) tad-Digrieti tal-MES u b'hekk, l-approvazzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi.

---

[24] INTOSAI, Gwida għall-Governanza Tajba "GOV 9300 Prinċipji għall-Arranġamenti tal-Awditjar Estern għal Istituzzjonijiet Internazzjonali" (2016), il-prinċipju 2.4.

**Rakkomandazzjoni 1**

Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju tal-BoA, jenħtieġ li l-Bord tal-Gvernaturi tal-MES jikkunsidra li jemenda l-Artikolu 24 (1) tad-Digrieti tal-MES biex il-membri tal-BoA jkun jista' jkollhom mandat itwal, jew, alternattivament, biex il-membri jkunu jistgħu jaqdu mandat ieħor wara l-ewwel wieħed.

**Il-BoA jirrapporta b'mod limitat ħafna dwar is-sejbiet tal-awditjar tiegħu**

19. Il-BoA jieħu żewġ approċċi biex jissodisfa l-obbligu tiegħu li "jispezzjona l-kontijiet tal-MES u jivverifika li l-kontijiet operattivi u l-karta tal-bilanċ ikunu korretti"[25]: permezz tar-rapport annwali tiegħu, u permezz ta' dikjarazzjoni qasira mill-President tiegħu li takkumpanja r-rapporti finanzjarji tal-MES. Ir-rapport annwali tal-BoA huwa indirizzat lill-membri tal-Bord tal-Gvernaturi, li min-naħa tagħhom, u bħala r-rappreżentanti tal-gvernijiet tagħhom, iridu jagħtu kont lill-parlamenti nazzjonali tagħhom. Ir-rapport annwali tal-BoA jintbagħat ukoll lill-parlamenti nazzjonali mill-Gvernaturi rispettivi u jiġi ċċirkolat ukoll lill-Parlament Ewropew għal skopijiet ta' informazzjoni.

20. Ir-rapport annwali jiddeskrivi l-attivitajiet tal-BoA u jsemmi s-suġġetti tax-xogħol tal-awditjar li jkun wettaq. Madankollu, ir-rapport annwali ma jispeċifikax is-sejbiet tal-awditjar jew ir-rakkomandazzjonijet u b'hekk, dawn ma jitqiegħdux għad-dispożizzjoni tal-pubbliku[26][27]. Il-prattika tal-BoA ma tirrispettax il-prinċipju kif speċifikat fil-Gwida rilevanti

[25] It-Trattat dwar il-MES, l-Artikolu 30(3)-(4).

[26] Il-BoA infurmana li huwa jipprovdi s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijet tal-awditi tiegħu lill-maniġment tal-MES u lill-kumitat tar-riskju tal-Bord tad-Diretturi. Madankollu, ir-rapport annwali l-aktar reċenti ma jagħtix dettalji dwar dan il-proċess.

[27] Il-BoA infurmana li huwa jorganizza diskussjonijiet regolari mal-maniġment ta' livell għoli fl-MES dwar l-integrità u l-adegwatezza tar-rapporti finanzjarji u l-kontrolli relatati, u meta jqis li jkun xieraq huwa jitlob li jsiru bidliet fl-abbozzi tar-rapporti finanzjarji u titjib fid-divulgazzjonijiet u n-noti ta' spjegazzjoni.

għall-Governanza Tajba tal-INTOSAI, li tiddikjara li r-rapporti tal-awditjar estern iridu jkunu disponibbli għall-pubbliku, u li tistabbilixxi kriterji ċari għall-eċċezzjonijiet[28].

21. Id-dokument pubbliku l-ieħor tal-BoA huwa dikjarazzjoni qasira li tiġi ppubblikata mar-rapport annwali tal-MES, flimkien mar-rapporti finanzjarji u r-rapport mid-ditta privata tal-awditjar. Il-BoA infurmana li huwa jħejji din id-dikjarazzjoni wara li jkun ra u analizza r-rapport tad-ditta privata tal-awditjar. Din id-dikjarazzjoni tagħmel referenza għall-mandat u għall-attivitajiet tal-BoA u tikkonkludi li l-BoA jinnota li, sa fejn jaf hu, ma sar jaf bl-ebda kwistjoni materjali li tista' tipprevenih milli jirrakkomanda li l-Bord tal-Gvernaturi japprova r-rapporti finanzjarji tal-MES għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017.[29]

22. Il-formulazzjoni li tintuża mill-BoA fid-dikjarazzjoni ta' hawn fuq mhijiex kategorika, u mhuwiex ċar jekk fil-fatt il-BoA huwiex qed jirrakkomanda l-approvazzjoni tar-rapporti finanzjarji[30]. Fi kwalunkwe każ, anki jekk qed jirrakkomanda l-approvazzjoni tagħhom, din mhijiex dikjarazzjoni dwar jekk il-kontijiet operazzjonali u l-karti tal-bilanċ humiex regolari, li huwa dak meħtieġ mit-Trattat dwar il-MES (ara l-paragrafu 13).

23. Ir-rappurtar li jsir mill-BoA tal-MES mhuwiex konformi mal-prinċipju rilevanti li jiddikjara li l-awditur estern huwa meħtieġ jesprimi opinjoni dwar jekk ir-rapporti finanzjarji jkunux tħejjew, fl-aspetti materjali kollha, skont il-qafas tar-rappurtar finanzjarju applikabbli[31].

24. B'paragun ma' dan, ir-rapporti annwali speċifiċi tal-QEA ġeneralment jinkludu verdett ċar dwar il-kontijiet tal-korp awditjat, bi kliem bħal "Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li

---

[28] INTOSAI, Gwida għall-Governanza Tajba "GOV 9300 Prinċipji għall-Arranġamenti tal-Awditjar Estern għal Istituzzjonijiet Internazzjonali" (2016), il-prinċipju 6.4 jiddikjara li sabiex jissaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, jenħtieġ li r-rapporti kollha tal-awditjar estern ippreżentati lill-korp ta' tmexxija jkunu disponibbli għall-pubbliku. Jenħtieġ li l-eċċezzjonijiet ikunu bbażati fuq kriterji ċari u rilevanti li jikkonċernaw informazzjoni klassifikata u kunfidenzjali.

[29] Ir-Rapport Annwali tal-MES 2017 (2018), p. 115.

[30] Ir-Rapport Annwali tal-MES 2017 (2018), p. 111. Ir-rapport mid-ditta privata tal-awditjar dwar il-MES mhuwiex ambigwu f'dan ir-rigward, u fl-2017 hija ddikjarat li fl-opinjoni tagħha, ir-rapporti finanzjarji mehmuża jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Entità.

[31] INTOSAI, "ISSAI 200 Prinċipji Fundamentali tal-Awditjar Finanzjarju" (2013), il-paragrafu 16.

fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena inkwistjoni huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha".

25. B'mod simili, ir-rapport annwali tal-kumitat tal-awditjar tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jinkludi dettalji dwar is-sejbiet tal-awditi tiegħu, u hemm dikjarazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-kontijiet. L-Istatut tal-BEI mhuwiex ambigwu f'dan ir-rigward u huwa jobbliga lill-kumitat tal-awditjar tiegħu biex "jikkonferma li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji [...] jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Bank."[32]

| **Rakkomandazzjoni 2** |
| --- |
| Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u tiġi pprovduta aktar ċarezza lill-partijiet ikkonċernati esterni dwar il-legalità u r-regolarità tal-kontijiet tiegħu: |
| (a) Jenħtieġ li r-rapport tal-BoA jkun fih dettalji dwar is-sustanza tar-rapporti u s-sejbiet tal-awditjar tiegħu, bi kriterji ċari għall-esklużjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u informazzjoni sensittiva oħra. |
| (b) Jenħtieġ li l-BoA jagħmel dikjarazzjoni ċara dwar jekk il-kontijiet operazzjonali u l-karta tal-bilanċ tal-MES ikunux regolari. |
| (c) Jenħtieġ li l-BoA jipprovdi valutazzjoni dwar jekk ir-rapporti finanzjarji tal-MES jipprovdux stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tiegħu. |

## Awditjar u evalwazzjoni limitati tal-prestazzjoni tal-MES

26. Uffiċjalment, il-BoA għandu mandat speċifiku biex iwettaq awditu tal-prestazzjoni[33]. Madankollu, sal-lum, il-maġġoranza tal-awditi deskritti fir-rapporti tal-BoA kienu ta' natura finanzjarja u ta' konformità, għalkemm fi snin reċenti kien hemm deskritt aktar xogħol relatat mal-awditjar tal-prestazzjoni.

---

[32] Il-verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll (Nru 5) dwar l-istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment, l-Artikolu 12(3), (ĠU C 202, 7.6, 2016, p. 251).

[33] Id-Digrieti tal-MES (l-Artikolu 24(4)) jiddikjaraw li l-BoA għandu jawditja r-regolarità, il-konformità, il-prestazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju tal-MES skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar. Skont "ISSAI 3000 Standard għall-Awditjar tal-Prestazzjoni", tal-INTOSAI, (il-

27. Barra minn hekk, il-MES ma għandux funzjoni ta' evalwazzjoni permanenti għall-politiki u l-programmi tiegħu, la interna u lanqas esterna. Madankollu, fl-2016 huwa kkummissjona rapport ta' evalwazzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-MES, li ġie ppubblikat fl-2017. Dan kopra l-politika relatata mas-self lil ħames pajjiżi fil-programm: l-Irlanda, il-Portugall, Spanja, Ċipru u l-Greċja[34].

28. B'paragun ma' dan, mill-2001 'il hawn il-Fond Monetarju Internazzjonali kellu Uffiċċju Indipendenti għall-Evalwazzjoni, li jwettaq evalwazzjonijiet oġġettivi u indipendenti dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għall-mandat tal-Fond Monetarju Internazzjonali. Il-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ukoll għandhom dipartimenti ta' evalwazzjoni interna, għalkemm dawn ma jiffurmawx parti mill-arranġamenti ta' rappurtar regolari tagħhom.

29. Jekk tingħata mandat, il-QEA tkun f'pożizzjoni li twettaq awditi tal-prestazzjoni tal-MES. Dan ikun b'żieda ma', jew b'mod parellel għal, kull funzjoni ta' evalwazzjoni fil-MES, li jista' jkollha objettivi u approċċi differenti. Il-QEA hija legalment awtorizzata li twettaq awditi tal-prestazzjoni tal-MES fl-interessi li ttejjeb l-obbligu ta' rendikont kumplessiv tal-qafas ta' governanza ekonomika Ewropea. Dan ikun konsistenti mal-programm ta' ħidma attwali tal-QEA, li jinvolvi l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-korpi tal-UE li għandhom attivitajiet komplementari għal dawk tal-MES.

---

paragrafu 17): awditu tal-prestazzjoni huwa definit bħala eżami indipendenti, oġġettiv u affidabbli ta' jekk impriżi, sistemi, operazzjonijiet, programmi, attivitajiet jew organizzazzjonijiet tal-gvern humiex qed joperaw skont il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u/jew l-effettività, u jekk hemmx lok għal titjib.

[34] Il-MES, "EFSF/ESM Financial Assistance Evaluation Report" (Ir-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Assistenza Finanzjarja tal-EFSF/MES) (2017)

**Rakkomandazzjoni 3**

Sabiex jissaħħu l-awditjar u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-MES:

(a) Jenħtieġ li l-MES jiżviluppa funzjoni ta' evalwazzjoni interna biex jevalwa l-kompiti mogħtija lilu u jirrapporta esternament dwar l-effettività tagħhom, f'konformità mal-prattika f'istituzzjonijiet pari.

(b) Il-MES jista' jagħti mandat lill-QEA li jkun jindirizza l-lakuna identifikata fl-awditjar estern tal-prestazzjoni.

## PARTI II - IL-FOND MONETARJU EWROPEW PROPOST - SFIDI EWLENIN GĦALL-QAFAS TAL-AWDITJAR U TAL-OBBLIGU TA' RENDIKONT

30. It-taqsima li jmiss teżamina speċifikament il-proposta tal-Kummissjoni fil-kuntest tat-talba mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament, kif deskritt fil-paragrafu 5.

### Bidliet proposti għall-qafas tal-awditjar tal-MES

31. Skont il-proposta tal-Kummissjoni l-FME jibqa' jżomm il-karatteristiċi prinċipali tal-qafas tal-awditjar estern tal-MES (kif stipulat fil-*Parti 1*). Hija tikkjarifika, sa ċertu punt, ir-rwol tal-BoA, billi tinkorpora elementi tad-digrieti tal-MES attwali[35].

### Il-pożizzjoni tal-QEA bħala l-awditur estern tal-FME mhijiex espliċita

32. Attwalment il-MES għandu r-rwol li jipprovdi appoġġ għall-istabbiltà lill-pajjiżi sħab, iżda mhux li jinnegozja l-kundizzjonijiet ta' politika biex jitwassal programm ta' assistenza finanzjarja. Il-proposta tal-Kummissjoni tagħti lill-FME rwol akbar fit-tfassil tal-kundizzjonalità

[35] Il-proposta tal-Kummissjoni, l-Anness, l-Artikolu 35(1) u (3). B'mod partikolari, il-proċeduri tal-għażla għall-membri huma kjarifikati, il-proċess għall-elezzjoni ta' President huwa definit, bħalma hija l-ħtieġa li l-membri tal-BoA jevitaw kunflitti ta' interess. L-ambitu tal-kompiti tal-BoA huwa wkoll definit aħjar, u issa jinkludi l-awditjar tar-"regolarità, il-konformità, il-prestazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju tal-FME f'konformità ma' standard[s] internazzjonali tal-awditjar."

tal-programmi, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u b'kollaborazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew[36].

33. Il-QEA għandha d-dritt sħiħ li tawditja sħaħ fuq l-involviment tal-Kummissjoni f'tali tfassil u implimentazzjoni tal-politika, iżda l-proposta ma tistipulax kif il-QEA għandha teżerċita d-drittijiet tagħha fuq l-FME f'dan il-kuntest. Speċifikazzjoni ċara tad-drittijiet, f'dan il-każ, tkun tippermetti li tiġi evitata l-possibbiltà li jkun hemm konfużjoni dwar ir-rwol tal-QEA.

34. Skont il-proposta tal-Kummissjoni l-FME jiġi integrat fil-qafas tal-UE permezz tal-Artikolu 352 tat-TFUE. L-FME jiġi stabbilit, skont id-dritt tal-Unjoni, bħala korp tal-Unjoni b'personalità ġuridika[37]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-QEA jkollha d-dritt sħiħ li tawditja l-FME skont l-Artikolu 287 tat-TFUE, li jagħti s-setgħa lill-QEA biex tkun l-awditur estern tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE sakemm l-att kostitutiv rispettiv tagħhom ma jipprekludix li dan iseħħ. Il-proposta tal-Kummissjoni ma tinkludi l-ebda preklużjoni ta' dan it-tip u fil-fatt, fil-Premessa (64), tirrikonoxxi s-setgħat tal-awditjar tal-QEA li jridu jiġu eżerċitati skont l-Artikolu 287 tat-TFUE. Din ir-referenza awtomatikament tfisser li l-QEA tkun inkarigata mit-twettiq tal-awditi finanzjarji, tal-konformità u tal-prestazzjoni tal-FME.

35. Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni għandha nuqqas serju f'dan ir-rigward billi ma tispeċifikax ir-rwol operazzjonali tal-QEA. Il-proposta tal-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-awdituri privati magħżula minn ditti tal-awditjar b'reputazzjoni internazzjonali tajba jwettqu l-awditi finanzjarji tal-FME, u l-BoA jawditja r-regolarità, il-konformità, il-prestazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju tal-Fond. Arranġamenti bħal dawn jistgħu jiġu interpretati li jassenjaw b'mod impliċitu l-mandat tal-awditjar estern lil korpi oħra għajr il-QEA. Mandati doppji jew multipli tal-awditjar estern ġeneralment jiġu evitati, għar-raġuni ovvja li jistgħu jirriżultaw opinjonijiet tal-awditjar kunfliġġenti, u jista' jkun hemm duplikazzjonijiet jew trikkib fix-xogħol tal-korpi differenti tal-awditjar estern.

[36] Il-proposta tal-Kummissjoni, l-Anness, l-Artikolu 13(3).

[37] Il-proposta tal-Kummissjoni, il-Premessa 17.

36. Barra minn hekk, arranġamenti differenti tal-awditjar bħal dawn jistgħu jirriżultaw f'ambigwità u jistgħu anki potenzjalment jitqiesu li jipprekludu impliċitament is-setgħat tal-awditjar tal-QEA, anki jekk il-Premessa (64) tistipula l-intenzjoni li l-QEA jkollha d-dritt sħiħ li tawditja l-FME. Il-maniġment tal-MES ippropona li l-MES jiġi integrat fi ħdan il-qafas legali tal-UE bl-istess mod tal-BEI, permezz ta' bidliet għall-qafas tat-Trattat tal-UE. Attwalment, fil-konfront tal-BEI, il-QEA għandha drittijiet tal-awditjar biss fuq programmi speċifiċi li jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE u li jitwettqu mill-BEI. Arranġamenti oħra tal-awditjar għall-BEI huma speċifikati fil-Protokoll Nru (5) anness mat-TFUE. Li kieku għall-MES kellu jiġi segwit approċċ simili għal dak tal-BEI, il-QEA tkun prekluża milli twettaq awditi effettivi tal-MES.

37. Arranġament fejn il-QEA tingħata mandat tal-awditjar estern iddefinit b'mod ċar ikun is-soluzzjoni l-aktar sempliċi f'termini proċedurali u dik l-aktar konsistenti mal-arranġamenti attwali tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont għall-governanza finanzjarja u ekonomika tal-UE. Madankollu, hemm il-lok li jsir użu mix-xogħol ta' awdituri oħra fil-formulazzjoni ta' opinjonijiet tal-awditjar pubbliku. Tabilħaqq, il-QEA diġà tippubblika madwar 50 rapport annwali speċifiku dwar l-attivitajiet tal-aġenziji u l-korpi tal-UE. Fil-biċċa l-kbira minn dawn il-każijiet, kif previst fir-regolament, ir-rwol tal-QEA jinkludi r-reviżjoni u t-twettiq mill-ġdid tax-xogħol tal-awdituri esterni. Fil-każ speċifiku tal-FME, minħabba l-aċċertament tal-awditjar partikolari meħtieġ għall-kapaċità tiegħu biex jakkwista l-finanzjament fis-swieq, aħna nqisu li dan it-tip ta' aċċertament huwa neċessarju u komplementari għal dak ipprovdut mill-awdituri pubbliċi li primarjament iservi l-iskop li jingħata rendikont lill-awtoritajiet pubbliċi.

38. Meta l-MES jiġi integrat fil-qafas tal-UE, il-QEA tibda tasserixxi u teżerċita d-dritt sħiħ tagħha tal-awditjar skont l-Artikolu 287 TFUE. Jekk l-istati membri tal-MES ikunu jixtiequ jżommu involviment estern fl-istruttura tal-awditjar tal-FME, dan jista' jsir permezz ta' kumitat bi sħubija esterna li jipprovdi gwida għal u/jew sorveljanza tal-proċess tal-awditjar intern tal-FME. Madankollu, il-QEA ma tistax tikkunsidra li tinnomina membru f'din l-istruttura peress li dan ikun inkumpatibbli mar-rwol tagħha bħala d-detentur tal-mandat tal-awditjar estern.

**Rakkomandazzjoni 4**

Sabiex tiġi evitata l-possibbiltà ta' konfużjoni dwar ir-rwol tal-QEA u d-duplikazzjoni tax-xogħol li tinvolvi spejjeż għaljin:

(a) Jenħtieġ li r-rwol tal-QEA bħala l-awditur indipendenti estern tal-FME jkun iddikjarat b'mod espliċitu fit-test prinċipali ta' kwalunkwe bażi leġiżlattiva għal FME, u li jiġi kkjarifikat ukoll li r-rwol tad-ditti privati tal-awditjar u kull kontribut ieħor relatat mal-awditjar ikunu komplementari għal dawk tal-QEA.

(b) Jenħtieġ li kwalunkwe bażi leġiżlattiva għal FME tkun tirrikjedi li jiġu integrati dispożizzjonijiet fil-kuntratti mal-awdituri privati biex jiġi żgurat li l-QEA jkollha aċċess sħiħ għad-dokumenti ta' ħidma tagħhom u tkun tista' twettaq analiżijiet u tibbaża fuq ix-xogħol tagħhom.

**Is-sorveljanza parlamentari mhijiex maħsuba biex tkun ibbażata fuq opinjoni tal-awditjar**

39. Il-proposta tal-Kummissjoni tagħti rwol akbar lill-Kunsill u lill-Parlament fl-FME milli dawn għandhom attwalment fil-MES. Skont l-Artikolu 5 tal-proposta tal-Kummissjoni l-FME jippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill rapport dwar t-twettiq tal-kompiti tiegħu, kif ukoll il-kontijiet annwali u r-rapporti finanzjarji tiegħu. Il-Parlament imbagħad jista' jagħmel dibattitu ġenerali bbażat fuq dawn, u d-direttur maniġerjali jkun obbligat ukoll li jirrapporta lill-Parlament dwar it-twettiq tal-kompiti tal-FME, u li jiffaċilita diskussjonijiet orali kunfidenzjali bil-magħluq mal-President u mal-Viċi Presidenti tal-Kumitati rilevanti.

40. Dan juri titjib meta mqabbel mal-arranġament attwali, fejn id-direttur maniġerjali tal-MES jidher quddiem il-Parlament fuq bażi volontarja. Sa issa, għadu qatt ma twettaq eżaminar formali ta' opinjoni tal-awditjar estern matul dawn l-iskambji ta' fehmiet mal-MES.

41. L-arranġamenti ta' sorveljanza parlamentari proposti għall-FME ma jipprevedux li l-Parlament jeżamina r-rapporti tal-awditjar. Billi l-FME ma jkunx jifforma parti mill-baġit tal-UE (ara l-paragrafu 2), huwa ma jaqax fi ħdan l-ambitu u d-dispożizzjonijiet ta' kwittanza tar-Regolament Finanzjarju. Madankollu, bosta entitajiet oħra li huma awtofinanzjati u li diġà jeżistu (l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-UE, l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni) għandhom dispożizzjonijiet ta' kwittanza integrati fl-atti kostitutivi rispettivi tagħhom.

42. Il-fehma tagħna, kif diġà esprimejna fl-Analiżi Panoramika dwar il-lakuni fl-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar[38], hija li għalkemm dan id-dħul ma jiġix mill-baġit tal-UE, huwa jirriżulta mill-eżerċizzju ta' awtorità pubblika fil-livell tal-UE u l-użu tiegħu għandu l-istess natura bħal fondi oħra tal-UE. Għalhekk ma hemm l-ebda raġuni konvinċenti biex id-dħul tal-FME jiġi ttrattat b'mod differenti minn dak ta' entitajiet li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE, u n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet robusti għas-sorveljanza parlamentari u l-kwittanza tar-responsabbiltajiet finanzjarji, tal-konformità u tal-prestazzjoni tal-FME jikkostitwixxi lakuna kbira fl-arranġamenti proposti tiegħu tal-obbligu ta' rendikont.

43. Il-proposta tal-Kummissjoni ma tipprevedix li l-Parlament jeżamina r-rapporti tal-awditjar tal-QEA matul il-proċedura ta' kwittanza tal-FME. Dan l-eżaminar ikun konformi mal-prattika stipulata fl-Artikolu 319 tat-TFUE. Il-proċedura ta' kwittanza tkun tieħu kont tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-QEA dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-FME u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċedura ta' kwittanza tkun tqis ukoll kwalunkwe sejba li tirriżulta mill-awditjar tal-prestazzjoni li l-QEA twettaq fir-rigward tal-FME.

| **Rakkomandazzjoni 5** |
| --- |
| Meta l-MES jiġi integrat fil-qafas legali tal-UE bil-ħolqien ta' FME, u sabiex tiġi rinfurzata r-rilevanza tal-awditjar għall-obbligu ta' rendikont u għas-sorveljanza demokratika, jenħtieġ li l-QEA tingħata rwol ċar u formali fil-proċedura ta' kwittanza tal-FME. |

[38] Analiżi Panoramika tal-QEA "Lakuni, duplikazzjonijiet u sfidi: analiżi panoramika tal-arranġamenti tal-UE fir-rigward tal-obbligu ta' rendikont u tal-awditjar pubbliku", il-paragrafu 84.

Din l-opinjoni ġiet adottata mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Neven MATES, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-18 ta’ Settembru 2018.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner LEHNE

*President*

***ANNESS 1***

**Talba għal opinjoni mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew**

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit
Il-President

Is-Sur Klaus-Heiner LEHNE
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi
Luxembourg
L- 1615

D 310044 19.06.2018

Għażiż President Lehne,

Kif taf, f'Diċembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond Monetarju Ewropew (skont l-Artikolu 352 tat-TFUE), bħala waħda mill-inizjattivi mħabbra fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Aktar passi lejn it-tlestija tal-unjoni ekonomika u monetarja".

Din il-proposta tipprovdi li l-FME għandu jissuċċedi u jissostitwixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, bħala entità ġuridika unika skont id-dritt tal-Unjoni. Meta jkun hemm involut il-ħolqien ta' korp ġdid tal-UE fi ħdan il-qafas tal-Unjoni, l-isfidi tal-obbligu ta' rendikont demokratiku, tal-awditjar u tal-effiċjenza tal-attivitajiet tal-UE jkunu ta' importanza kruċjali.

Bil-ħsieb li tiġi evitata kwalunkwe lakuna futura fl-obbligu ta' rendikont u biex jiġu żgurati arranġamenti adegwati tal-awditjar, jiena, f'isem il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, napprezza ħafna jekk il-Qorti ġentilment tipprovdi lill-Parlament, opinjoni dwar l-aħjar mod kif għandu jiġi ffurmat il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-FME futur, u dan mill-aktar fis possibbli u fl-aktar format xieraq.

Filwaqt li nistenna bil-ħerqa li nisma’ mingħandek, nirringrazzjak għal darb’oħra tal-kooperazzjoni eċċellenti tiegħek.

Dejjem tiegħek,

Dr Inge Gräsle

***ANNESS II***

**Risposta tal-MES**

Is-Sur Alex Brenninkmeijer
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi
L-1615 Luxembourg

Il-Lussemburgu, l-24 ta' Settembru 2018

Għażiż Sur Brenninkmeijer,

Nirringrazzjak tassew talli qsamt mal-MES l-Opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar il-kunsiderazzjonijiet tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont fir-rigward tal-proposta tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2017 għall-ħolqien ta' Fond Monetarju Ewropew (FME).

Aħna nieħdu nota tal-fatt li l-Opinjoni ġiet ippubblikata mill-QEA b'rispons għat-talba mill-President tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew datata d-19 ta' Ġunju 2018. Aħna naqblu mal-pożizzjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit li l-obbligu ta' rendikont, l-awditjar u l-effiċjenza tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet pubbliċi huma ta' importanza kruċjali.

F'dan ir-rigward, nixtieq ukoll nirreferi għall-ittra tal-25 ta' Ġunju 2018 mibgħuta minn Mário Centeno, President tal-Grupp tal-Euro u President tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MES, lill-President Donald Tusk. Fl-ittra, huwa jiddikjara li fuq medda ta' żmien aktar fit-tul, il-Mexxejja jistgħu jiddeċiedu li jinkorporaw il-MES fil-qafas tal-UE, filwaqt li jippreservaw il-karatteristiċi ewlenin tal-governanza tiegħu.

Maġġoranza dejjem akbar ta' partijiet ikkonċernati tal-MES huma favur l-integrazzjoni tal-MES fil-qafas tal-UE, dment li dan isir taħt il-liġi primarja u b'mod simili għall-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). Il-BEI huwa korp tal-UE bil-kapital proprju tiegħu. Huwa għandu awtonomija finanzjarja u l-korpi deċiżjonali proprji tiegħu. Kif innota Mário Centeno, din is-soluzzjoni tista' tiġi implimentata biss fuq medda ta' żmien aktar fit-tul. Huwa essenzjali li l-arranġamenti tal-awditjar tal-MES fil-futur ma jirriżultawx fid-duplikazzjoni tal-isforzi tal-awditjar u jkomplu jissodisfaw l-aspettattivi tal-investituri fis-swieq kapitali.

Fl-istess ħin, aħna nieħdu nota tal-fatt li l-Opinjoni tagħkom fiha wkoll għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-arranġamenti attwali tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont tal-MES. F'dan ir-rigward, ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tagħkom huma relatati max-xogħol tal-Bord tal-Awdituri. Bħala l-maniġment tal-MES, aħna nirrispettaw kompletament l-indipendenza tal-Bord tal-Awdituri u ma nistgħux nesprimu opinjoni dwar il-metodoloġija tax-xogħol tagħhom jew dwar l-

ambitu tar-rapporti tagħhom. Aħna nifhmu li l-Bord tal-Awdituri se jipprovdi l-osservazzjonijiet tiegħu stess dwar l-Opinjoni.

Aħna nixtiequ ntennu li l-Membri tal-MES huma tal-opinjoni li l-arranġamenti attwali tal-awditjar tal-MES huma konformi mal-aħjar prattika għal istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. Speċifikament:

- L-arranġamenti tal-awditjar tal-MES ġew stabbiliti mill-Membri tal-MES f'konsultazzjoni mal-istituzzjonijiet supremi tal-awditjar nazzjonali tagħhom, kif ukoll mal-QEA. B'riżultat ta' dan, il-Bord tal-Awdituri ġie stabbilit bħala korp ta' sorveljanza indipendenti tal-MES, li jinħatar mill-Bord tal-Gvernaturi tal-MES u li jrid jagħti kont dirett lilu. Il-Bord tal-Awdituri għandu mandat tal-awditjar komprensiv li jinkludi d-dimensjonijiet kollha tal-awditjar pubbliku: finanzjarju, tal-konformità u tal-prestazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 30 (3) tat-Trattat dwar il-MES u fl-Artikolu 24 (4) tad-Digrieti tal-MES. F'dan ir-rigward, rapport reċenti ta' Transparency International dwar il-MES ifaħħar l-arranġamenti tal-awditjar tal-MES li huwa jiddeskrivi bħala ta' klassi dinjija.

- Il-QEA diġà għandha rwol importanti fl-arranġamenti tal-awditjar tal-MES billi wieħed mill-membri tal-Bord tal-Awdituri jinħatar fuq nominazzjoni mill-QEA. Barra minn hekk, il-membri tal-persunal tal-QEA spiss jaġixxu bħala esperti fis-suġġett, u jinħatru mill-Bord tal-Awdituri biex jappoġġaw it-twettiq tal-awditi indipendenti tiegħu tal-MES, f'konformità mal-Artikolu 24 (5) tad-Digrieti tal-MES. Il-QEA, flimkien mal-Parlament Ewropew, hija fost ir-riċevituri uffiċjali tar-Rapport Annwali tal-MES u r-Rapport Annwali tal-Bord tal-Awdituri li jirrinforza t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-attivitajiet tal-MES.

- Il-kontijiet tal-MES jiġu awditjati fuq bażi annwali minn awdituri indipendenti esterni skont standards tal-awditjar aċċettati b'mod ġenerali. L-awdituri indipendenti esterni jiġu approvati u huma suġġetti għas-sorveljanza pubblika f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006, kif speċifikament meħtieġ skont id-Digrieti tal-MES (l-Artikolu 22). Is-sorveljanza tax-xogħol tal-awdituri esterni li l-Bord tal-Awdituri jwettaq, u r-rapport tiegħu fir-rigward tar-Rapporti Finanzjarji tal-MES, jipprovdu aċċertament addizzjonali lill-Membri tal-MES rigward il-kontijiet operazzjonali u l-karta tal-bilanċ tal-MES.

- Fl-aħħar nett, aħna nieħdu nota tar-rakkomandazzjoni tagħkom li l-MES jiżviluppa funzjoni ta' evalwazzjoni interna. F'Settembru 2016, il-Bord tal-Gvernaturi ħatar Evalwatur Indipendenti ta' livell għoli biex jivvaluta r-rilevanza, l-effettività u l-effiċjenza tal-assistenza finanzjarja mill-EFSF u mill-MES. Ir-Rapport ta' Evalwazzjoni riżultanti ġie ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi u huwa disponibbli għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tal-MES. Minħabba ċ-ċokon tal-MES u l-għadd limitat tal-programmi tiegħu ta' assistenza finanzjajra sal-lum, l-istruttura ta' funzjoni ta' evalwazzjoni permanenti tal-MES ma tkunx effiċjenti għalissa. Dan jista' jitqies fil-futur f'każ li l-MES jiżviluppa aktar. Sadanittant, aħna se nkomplu nitgħallmu mill-prattiki ta' evalwazzjoni f'istituzzjonijiet pari. It-tim ta' evalwazzjoni kkollabora mill-qrib ma' esperti mill-Uffiċċju Indipendenti għall-Evalwazzjoni (IEO) tal-FMI u mill-BEI fl-iżvilupp tal-metodoloġija għall-ewwel evalwazzjoni msemmija hawn fuq.

Fuq nota aktar ġenerali, minbarra l-arranġamenti tal-awditjar robusti tal-MES, il-Membri tal-MES stabbilew ukoll mekkaniżmi sodi għall-governanza u l-obbligu ta' rendikont. Id-deċiżjonijiet tal-MES huma suġġetti għal approvazzjoni mill-korpi ta' tmexxija tal-MES. F'dan il-kuntest, id-deċiżjonijiet huma wkoll suġġetti għall-involviment tal-parlamenti nazzjonali. Fil-fatt, il-MES huwa suġġett għal

sorveljanza parlamentari nazzjonali li hija ta' livell ferm ogħla minn dik li sseħħ f'istituzzjonijiet pari (eż. id-deċiżjonijiet dwar self mill-FMI ma jiġux suġġetti għal eżaminar mill-parlamenti nazzjonali tal-Membri tal-FMI). Il-Gvernaturi tal-MES jidhru quddiem il-parlamenti rispettivi tagħhom biex jispjegaw jew biex jiksbu mandat għal deċiżjonijiet relatati mal-attivitajiet tal-MES. Fuq stedina, id-Direttur Maniġerjali u l-persunal ta' livell għoli fl-MES iżuru l-parlamenti nazzjonali biex jippreżentaw l-attivitajiet tal-MES u, fejn ikun meħtieġ, jipprovdu spjegazzjonijiet.

Il-MES jikkoopera b'mod proattiv mal-Parlament Ewropew ukoll. Mill-2013 'il hawn, fuq bażi volontarja, id-Direttur Maniġerjali tal-MES attenda regolarment seduti quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji. Iseħħu wkoll bosta kuntatti oħra mal-Parlament Ewropew fil-livell tal-Konferenza tal-Presidenti jew ma' gruppi u membri parlamentari individwali. Bħala l-pass li jmiss, aħna se nesploraw jekk il-MES jistax jidħol f'memorandum ta' qbil mal-Parlament Ewropew li jista' jservi bħala bażi għal rappurtar aktar regolari.

Biex nagħlaq, nixtieq nirringrazzjak għal darb'oħra talli qsamt din l-Opinjoni li dalwaqt se tinħareġ u nittama li din l-ittra tipprovdi perspettiva importanti għad-diskussjoni. Il-MES jibqa' disponibbli għal aktar djalogu miegħek dwar l-arranġamenti futuri tiegħu fir-rigward tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont ladarba jkun hemm aktar ċarezza dwar kif ikun se jiġi integrat fil-qafas tal-UE.

Dejjem tiegħek,

Kalin Anev Janse

Segretarju Ġenerali

Membru tal-Bord tat-Tmexxija

***ANNESS III***

**Risposta tal-Bord tal-Awdituri tal-MES**

Il-Lussemburgu, l-24 ta' Settembru 2018

Is-Sur Alex Brenninkmeijer
Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri
12, rue Alcide De Gasperi
L-1615 Luxembourg

Għażiż Alex,

Nirringrazzjak tassew talli pprovdejt, lill-Bord tal-Awdituri, l-Opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "*Il-kunsiderazzjonijiet tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont fir-rigward tal-proposta tas-6 ta' Diċembru 2017 għall-ħolqien ta' Fond Monetarju Ewropew fi ħdan il-qafas legali tal-Unjoni*" (l-"Opinjoni").

Il-Bord tal-Awdituri josserva li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-"QEA") ma għandhiex mandat għall-evalwazzjoni tax-xogħol tal-Bord tal-Awdituri, u li b'hekk, l-Opinjoni tagħkom mhijiex ibbażata fuq eżerċizzju ta' evalwazzjoni sħiħ. Madankollu, il-Bord tal-Awdituri japprezza l-opportunità li jisma' l-fehmiet meqjusa ta' istituzzjoni rispettata dwar aspetti tax-xogħol tiegħu, kif ippreżentati fl-Opinjoni.

Forsi kien ikun aħjar li kieku l-Opinjoni tagħkom ikkjarafikat, bl-użu tal-prinċipji tal-INTOSAI, li l-Bord tal-Awdituri la huwa Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar ("SAI"), u lanqas ma jinsab fl-istess sitwazzjoni bħal korpi oħra tal-awditjar estern li l-mandat tagħhom jestendi lill hinn minn istituzzjoni waħda. B'hekk, sa ċertu punt, il-Bord tal-Awdituri jrid jiġġudika l-applikazzjoni ta' standards u prinċipji bi tqabbil mar-rwol partikolari tiegħu. Aħna ma jidhrilniex li hemm ambigwità, pereżempju, fid-dikjarazzjoni tagħna dwar l-awditu finanzjarju. Wara li eżaminajna bir-reqqa x-xogħol tal-awditjar li twettaq mid-ditta tal-awditjar estern maħtura, u wara li wettaqna wkoll analiżi estensiva tad-dokumentazzjoni ta' ħidma ta' dawk l-awdituri, bl-użu ta' mudell li ssellifna direttament mill-istituzzjoni tiegħek stess, aħna niddikjaraw li "*ma sirna nafu bl-ebda kwistjoni materjali li tista' tipprevieni milli nirrakkomandaw li l-Bord tal-Gvernaturi japprova r-rapporti finanzjarji tal-MES*". Dan mhuwa ambigwu xejn, u jevita duplikazzjoni tax-xogħol u tad-dikjarazzjonijiet tal-awditur estern.

F'termini kumplessivi, il-Bord tal-Awdituri:

- jikkummissjona, iqis u jiffinalizza r-rapporti speċjali tal-awditjar proprji tiegħu li jistgħu jkopru r-regolarità, il-konformità, il-prestazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju tal-MES, bl-użu tas-servizzi ta' persunal ikkwalifikat mis-SAIs, inkluża l-QEA,
- jeżamina f'dettall kbir ix-xogħol tal-awditur estern fir-rigward tal-kontijiet, kif indikat hawn fuq,

- jifformula l-kummenti tiegħu minn qabel u jitlob l-aġġustamenti li jidhirlu xierqa fil-kontijiet annwali ppubblikati,
- jinvolvi lilu nnifsu fuq bażi estensiva u kontinwa fil-funzjoni tal-awditjar intern u fix-xogħol tagħha,
- jiltaqa' mal-maniġment tal-MES u jirċievi rapporti u aġġornamenti matul is-sena,
- u ovvjament, jirrevedi minn żmien għal żmien il-*modus operandi* proprju tiegħu bil-ħsieb li jkompli jtejbu.

F'dan l-aħħar kuntest, aħna se nieħdu kont tas-suġġerimenti tagħkom u l-punt sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu inkorporati b'mod utli fix-xogħol tagħna.

Peress li huwa ddedikat għal "klijent" uniku, il-Bord tal-Awdituri jista' forsi jiżviluppa fehim speċjalizzat u approċċ imfassal apposta għax-xogħol tiegħu dwar il-MES. Il-kwistjoni dwar jekk fil-futur jistgħux ikunu xierqa arranġamenti oħra tal-awditjar u tal-obbligu ta' rendikont, flimkien ma' arranġamenti istituzzjonali differenti, hija waħda li trid tiġi vvalutata mill-partijiet għat-Trattat dwar il-MES. Aħna, madankollu, nieħdu nota li kull arranġament ġdid irid ikun jevita duplikazzjoni żejda tal-funzjonijiet u jkun aċċettabbli fis-swieq finanzjarji li jipprovdu l-finanzjament tal-MES, filwaqt li jiżgura obbligu ta' rendikont u sorveljanza xierqa.

Dejjem tiegħek,

Kevin Cardiff

President tal-Bord tal-Awdituri